Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu *sabiex il-Knisja fl-Afrika, permezz tal-impenn tal-membri tagħha, tkun żerriegħa ta' għaqda fost il-popli Afrikani u sinjal ta' tama għal dan il-kontinent.*



**Qari:** *Minn diskors li għamel Papa Franġisku fil-Kenja waqt iż-żjara tiegħu fl-2015*

*Meta, waqt iż-żjara tiegħu fil-Kenja, kien qed jirrispondi mistoqsija ta' tfajla dwar l-isfida tat-tribaliżmu, il-Papa Franġisku wieġeb*: "It-tribaliżmu jeqred nazzjon...... It-tribaliżmu jintrebaħ biss bil-widna, bil-qalb u bl-id. Bil-widna, għax nagħtu widen għal dawn il-mistoqsijiet: X'inhi l-kultura tiegħek? Għaliex int hekk? Għaliex dan it-tribù għandu din id-drawwa? It-tribù tiegħek iħossu superjuri jew inferjuri? Bil-qalb: għaliex ladarba tkun smajt b'widnejk, imbagħad tiftaħ qalbek; u mbagħad tnewwel idek biex tkompli tiddjaloga. Jekk intom ma tiddjalogawx u ma tisimgħux lil xulxin, allura dejjem se jibqa' t-tribaliżmu, li hu bħal susa li tiekol lis-soċjetà minn ġewwa......
Li negħlbu t-tribaliżmu hi ħidma ta' kuljum: hi ħidma tal-widna: nisimgħu lill-oħrajn; hi ħidma tal-qalb: niftħu qalbna għall-oħrajn; hi ħidma tal-id: innewlu jdejna lill-oħrajn…!" Jiġifieri, jekk trid iġġib il-paċi, trid timpenja ruħek tassew kull jum ta' ħajtek.

Mulej, inti ħlaqtna lkoll indaqs, ilkoll bnedmin,
ilkoll ulied Missier wieħed.
Aħna lkoll aħwa u lkoll ngħixu f'dinja waħda.
Mulej Ġesù, inti għallimtna li Alla l-Missier hu mħabba bla qies.
Iżda aħna l-bnedmin, xi kultant ma nfittxux dak li jgħaqqadna,
Anzi moħħna biss f'dak li jaqbel lilna.
U allura jkun hawn nuqqas ta' ftehim, tilwim, vendetta, ġlied,
vjolenza, gwerer u saħansitra atroċitajiet, xi kultant anke f'isem ir-reliġjon.

Għaliex, Mulej, ma nagħmlux dak li qal il-Papa
u nirbħu dan id-diżgwid kollu *bil-widna, bil-qalb u bl-id?*
Għaliex insibuha daqshekk bi tqila biex
nisimgħu dak li għandu xi jgħid ħaddieħor,
biex niftħu qalbna għal ħuna, u biex nagħtuh daqqa t'id?
Mulej, il-Papa jixtieqna nitolbu għall-Knisja fl-Afrika,
għaliex f'dan il-kontinent hemm ħafna nuqqas ta' qbil, vjolenza u gwerer.
Nitolbuk, Mulej, sabiex il-kleru u l-lajċi Afrikani,
jimpenjaw ruħhom kuljum sabiex, kif qal il-Papa,
ikunu żerriegħa ta' għaqda fost il-popli Afrikani,
u sinjal ta' tama għal dan il-kontinent.
Nitolbuk ukoll sabiex tagħtihom il-kuraġġ biex jiddjalogaw bejniethom,
kif ukoll ma' dawk li ma jaqblux magħhom,
sabiex jisimgħu lil xulxin, jiftħu qalbhom għal xulxin
u b'hekk juru solidarjetà ma' xulxin u jaħdmu għall-paċi.
Mulej Ġesù, inti ma qgħadtx tqis dak li hu tiegħek,
Imma ħabbejtna sal-mewt tas-salib.
Agħtihom il-grazzja li jaħdmu għall-ġid komuni
u biex jifhmu li, bħala bnedmin, huma fdati f'idejn xulxin
u għalhekk iridu jaħdmu għall-ġid komuni.

**KANT**

**Qari**: *Minn omelija ta' Papa Franġisku waqt iż-żjara tiegħu fil-Marokk din is-sena.*

Meta kien il-Marokk, fir-riflessjoni tiegħu waqt l-omelija dwar il-parabbola tal-Iben il-Ħali, il-Papa Franġisku qal hekk: "Fuq l-għatba ta' dik id-dar bħal donnu jinkixef il-misteru tal-umanità tagħna: minn banda kien hemm il-festa għall-iben li reġa' nstab u, mill-oħra, ċertu sentiment ta' tradiment u korla għall-fatt li kienet qed issir festa għar-ritorn tiegħu. Minn naħa, l-ospitalità għal dak li kien ġarrab il-miżerja u l-uġigħ, li kien wasal saħansitra biex niten u biex xtaq jiekol minn dak li kienu jieklu l-ħnieżer; min-naħa l-oħra l-irritazzjoni u r-rabja għall-fatt li qed jingħata spazju lil min la kien denn u lanqas kien

jistħoqqlu tgħanniqa bħal din.” Il-Papa jkompli jżid: “Il-parabbola tal-Vanġelu tippreżentalna final miftuħ. Naraw lill-missier jitlob lil ibnu l-kbir jidħol jieħu sehem fil-festa tal-ħniena. L-Evanġelista ma jgħid xejn fuq x'iddeċieda dan. Tgħid daħal għall-festa? Nistgħu ngħidu li dan il-final miftuħ għandu l-għan li kull komunità, kull wieħed u waħda minna, jista' jiktbu hu b'ħajtu, b'ħarstu u bi mġibtu mal-oħrajn. In-Nisrani jaf li fid-dar tal-Missier hemm ħafna għamajjar, u jibqgħu barra biss dawk li ma jridux jieħdu sehem fil-ferħ tiegħu”.

Mulej, il-Papa kemm spjega tajjeb dak li xi kultant inħossu aħna!
Inkunu nixtiequ li nkunu bennejja tal-paċi,
imma ħafna drabi nħallu
l-għira, il-pika, l-egoiżmu, il-korla,
u l-irritazzjoni jagħmuna għax f'għajnejna l-persuna l-oħra tidher
li mhijiex denn tal-ħniena u tal-imħabba tagħna.
Ninsew li int, Mulej, tistieden lilna lkoll
biex nieħdu sehem fil-festa tiegħek ta' mħabba u ħniena,
anke jekk ħadd minna ma jixraqlu jirfes l-għatba tad-dar tiegħek,
għax ilkoll midinbin, ilkoll inqasnik b'xi mod jew ieħor.
Mulej, agħtina l-kuraġġ, anke jekk inħossuna bħall-iben il-kbir,
biex naċċettaw l-istedina tiegħek biex nidħlu fil-festa tal-ħniena,
biex aħna wkoll nilqgħu t-tgħanniqa tiegħek.
Għinna Mulej, sabiex kull wieħed u waħda minna,
jagħżel li b'ħajtu, b'ħarstu u bi mġibtu mal-oħrajn,
jagħżel bl-azzjonijiet li jagħmel f'ħajtu,
li jaqsam flimkien mal-oħrajn il-ħniena, it-tama u l-imħabba tiegħek.
Agħtina l-għajnuna sabiex dan ma nagħmluhx qisu kien xi obbligu,
qisu kien piż li jtaqqalna, imma bħala għażla personali
li tfawwarna bil-ferħ u tagħtina identità.
Mulej Alla, Missier tagħna lkoll,
agħtina l-kuraġġ biex nemmnu tassew li fid-dar tiegħek
hemm ħafna għamajjar, u allura hemm post għalina lkoll,
għall-familja tagħna, għal kull membru tal-komunità tagħna,
għal dawk ukoll li aħna naħsbu li mhux posthom,
sabiex ilkoll kemm aħna nieħdu sehem fil-ferħ tiegħek.

**KANT**

### Nitolbu flimkien

Nitolbu skont il-fehma tal-Papa,sabiex il-Knisja fl-Afrika, permezz tal-impenn tal-membri tagħha, tkun żerriegħa ta' għaqda fost il-popli Afrikani u sinjal ta' tama għal dan il-kontinent.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex permezz tal-Ispirtu tiegħek, il-Knisja fl-Afrika, kif ukoll aħna l-insara kollha, nissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa, u biex Kristu jgħammar f'qalbna permezz tal-fidi, biex b'hekk innizżlu l-għeruq tagħna fl-imħabba u nibnu ħajjitna fuqha u biex dejjem nibqgħu nfittxu modi kif inġibu l-paċi.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu għall-membri kollha tal-Knisja fl-Afrika sabiex jagħżlu li jfittxu kontinwament toroq differenti li jibnu l-fiduċja, sabiex ikunu dejjem lesti li jiftħu qalbhom għall-oħrajn, biex b'hekk ixerrdu l-messaġġ ta' tama ta' Kristu u jippromwovu inizjattivi tajbin biex iġibu l-għaqda fost il-popli Afrikani.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Meta l-Papa Franġisku żar il-Kenja, huwa qal: "L-ewwel mezz ta' komunikazzjoni hu l-kelma, il-ġest, it-tbissima. L-ewwel ġest ta' komunikazzjoni huwa li nkunu qrib ta' xulxin. L-ewwel ġest ta' komunikazzjoni hu li nfittxu l-ħbiberija." Nitolbuk għall-popli Afrikani sabiex ma jsibuhiex bi tqila li jitkellmu bejniethom u jitbissmu lil xulxin, biex b'hekk jirnexxilhom jersqu qrib ta' xulxin bħal aħwa u qrib ukoll ta' dawk li għandhom xi tip ta' bżonn.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk sabiex tagħti l-għajnuna lill-popli Afrikani sabiex jiddedikaw lilhom infushom biex ikeċċu l-vjolenza minn qalbhom, kliemhom u l-azzjonijiet tagħhom biex b'hekk jibnu soċjetà ġusta u li toffri solidarjetà.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.